MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1801/1995/1

Citazzjoni Nru:  1801/95  NC

Kawza fil-lista:  42

**Paul Mallia u martu Carmen Mallia bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti**
**Vs**
**Marchris Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tal-atturi fis-somma ta' hames mija u hamsin lira (LM 550) bhala parti mill-prezz tal-bejgh ta' mobbli u attrezzaturi tar-restaurant *Ipanema*, Main Street, San Pawl il-Bahar, skond zewg

skritturi privati rispettivament datati 6 ta’ Gunju 1992 u 21 ta’ Ottubru (Dok 1 u Dok 2);

Peress illi l-istess socjeta konvenuta hija wkoll debitrici tal-atturi fis-somma ta’ erba’ mitt lira (LM 400) li l-atturi kienu hallsu sabiex is-socjeta konvenuta taghmel xoghol ta’ tiles (inkluz xoghol ta’ elettriku) fil-kcina tal-imsemmi restaurant liema xoghol baqa’ ma sarx;

Peress illi s-socjeta’ konvenuta, interpellata ufficjalment biex thallas l-ammonti fuq indikati, baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandhiex minn din il-Qorti:

1. Tkun kundannata thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ disa’ mija u hamsin lira (LM 950) in kwantu ghal LM 550 bhala hlas ta’ parti mill-prezz tal-bejgh tal-mobbli u attrezzaturi tar-restaurant *Ipanema*, Main Street, San Pawl il-Bahar, u in kwantu ghal LM400 bhala rifuzjoni ta’ flus li thallas mill-atturi biex fil-kcina tar-restaurant isir xoghol ta’ tiles u elettriku liema xoghol baqa’ ma sarx.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta’ Ottubru 1993 u dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Settembru 1995, u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepiet: 1. Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress l-uniku bilanc dovut min-negozju li kien hemm bejniethom huwa ta’ mitejn (LM 200); fuq il-kumplament tat-talba din hija infondata peress li l-istess atturi naqsu milli jonoraw dak li kien miftiehem bejn il-partijiet.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-atturi qed jitlobu l-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma globali ta’ Lm950 rapprezentanti in parte parti mill-prezz tal-bejgh tal-mobbli u attrezzaturi tar-restaurant fuq indikat u in parte rifuzjoni ta’ flus [in parte imnaqqsa mill-bilanc u in parte konsenjati mill-atturi] sabiex isir ix-xoghol ta’ riparazzjoni fil-kcina ta’ l-istess restaurant, u dan skond il-ftehim originali tas-6 ta’ Gunju 1992 u il-ftehim ulterjuri tal-21 ta’ Ottubru 1992.

Illi s-socjeta’ konvenuta qed topponi ghal din il-pretensjoni attrici bl-argument li skond hi l-bilanc li ghadu dovut lill-atturi huwa ta’ Lm200; u s-somma ta’ Lm400 moghtija mill-atturi lill-konvenuti kienet tirrapprezenta kumpens ghad-difetti latenet li rrizultaw apparenti wara li sar il-bejgh; inoltre l-atturi baqghu inadempjenti fl-obbligu taghhom li jrritornaw u jwahhlu l-brulgar alam.

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta car li l-kaz in disamina jimpernja fuq zewg fatturi: Il-hsara fil-kcina li saret apparenti ftit gimghat wara l-bejgh; u l-istallazzjoni tal-burglar alarm.

[A] Rigward l-ewwel fattur, il-Qorti tirrileva li mill-provi rrizulta nkontestat li ftit gimghat wara li kien sar il-bejgh tal-effetti mobli u attrezzaturi kollha ezistenti u uzati ghax-xoghol tar-restaurant, il-konvenuti nnotaw li fil-kcina bdew jaqghu t-tiles minn mal-hajt. Sar ilment lill-atturi, u dawn accettaw u qabblu li jghatu lill-konvenuti s-somma ta’ Lm400 bhala kumpens komputat in bazi tal-ispejjez involuti ghax-xoghol ta’ tiswija involut. Din is-somma thallset in parte permezz ta’ tnaqqis mill-bilanc dovut mill-konvneuti, u r-rimanenti Lm200 thallsu mill-istess atturi bi flus kontanti.

Illi sussegwentement, izda qabel ma lahaq sar ix-xoghol ta’ tiswija fil-kcina, l-azzjonisti tas-socjeta’ konvenuta, Mario Mercieca u Chris Abela, bieghu l-azzjonijiet

taghhom lil certu Frank Vella, u xoghol bil-kcina baqa' ma' sarx.

Il-kontestazzjoni in propositu hija fis-sens li, filwaqt li l-konvenuti jsostnu li l-imsemmija somma ta' Lm400 kienet tirrapprezenta kumpens ghad-difett li fiz-zmien tal-bejgh kien latenti, l-atturi jsostnu li dawn inghataw bil-kondizzjoni li jsiru x-xogholijiet rimedjali, u f' kaz negattiv, allura l-flus kellhom jigu ritornati lilu.

Il-Qorti hija tal-fehma li t-tesi tal-konvenuti f' dan ir-rigward hija aktar attendibbli u hija bazata fuq ragunament guridiku validu kunsidrat fil-kuntest tac-cirkostanzi kif jemergu mill-provi.  Huwa minnu li l-punto di partenza kien u huwa d-difett latenti li mmanifesta ruhhu wara l-bejgh, u huwa ukoll minnu li s-somma ta' Lm400 moghtija lill-konvenuta kienet bazata fuq komputazzjoni tal-ispejjez involuti fix-xogholijiet rimedjali, izda mill-banda l-ohra ma jirrizultax sodisfacentment provat li l-flus inghataw bil-kondizzjoni li jsiru x-xogholijiet.  Minn imkien ma tirrizulta din il-kondizzjoni allegata mill-atturi.  Fit-tieni skrittura, dik tal-21 ta' Ottubru 1992 li saret wara li gie skopert l-imsemmi difett fit-tiles, ma hemm xejn indikat f' dan is-sens, kuntrarjament ghal dak li sar dwar il-bruglar alarm; anzi l-partijiet iddikjaraw "li m'ghad fadlilhom l-ebda drittijiet jew pretensjonijet ohra kontra xulxin naxxenti minn din l-iskrittura odjerna." [fol.17].

Chris Abela jispejga hekk il-posizzjoni tal-konvenuti f' dan ir-rigward:  "Kieku ahna dhalna hemmhekk meta xtrajna l-post [sic], u rajna nofs il-madum imwaqqa', jew il-madum qed jaqa', ma konniex intuh nineteen thousand pounds; konna nnaqsulu xi haga.  Dak il-fatt;" [fol.178]

Ferm il-premess, il-Qorti  hija tal-fehma li s-somma ta' Lm400 giet moghoddija mill-atturi lill-konvenuti bhala kumpens tax-xoghol hazin li kien hemm fil-kcina, u xejn aktar.  Ma jirrizultax provat li ma' l-ghoti ta' dan il-kumpens kien hemm marbuta xi kundizzjoni ulterjuri.  Ghalhekk il-pretensjoni attrici in kwantu ghar-rifuzjoni ta' dan l-ammont tfalli ghax ma ssibx sostenn fil-provi.

[B] It-tieni punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda s-somma ta' Lm400 li l-konvenuti jippretendu li ghandha titnaqqas mill-bilanc ta' Lm600 skond l-ahhar klawsola tal-iskrittura tal-21 ta' Ottubru 1992 li taqra hekk: "Il-komparenti Paul Mallia qed prezentement jintrabat wkoll li fi zmien xahar millum huwa jirritorna u jwahhal l-burglar alam fil-post in kwistjoni a kariku esklusiv tieghu, f' kaz negattiv, il-bilanc dovut ta' sitt mitt lira maltin [Lm600] jitnaqqas awtomatikament ghal mitejn lira maltin [Lm200].

In propositu l-konvenuti jsostnu li l-attur Paul Mallia baqa' inadempjenti f' dan l-obbligu tieghu u ghalhekk ghandha tiskatta l-applikazzjoni ta' din il-klawsola biex b' hekk il-bilanc ta' Lm600 jigi ridott b' Lm400.

F' dan ir-rigward hija relevanti x-xhieda tat-tekniku Patrick Mullholland inkarigat mill-attur sabiex jinstalla l-burglar alarm fil-post in kwistjoni. Fi kliemu: "..l-inkarigu illi tani l-attur kien illi dina l-burglar alarm ingibha tiffunzjona biex taqdi dak illi ghandha taghmel, cioe' l-funzjoni proprja taghha." [Fol.49]

Ix-xhud spjega li meta huwa kien ezamina l-control panel fil-post, hu sab li kien hemm difett fil-mircro–processor li ma kienx ekonomikament spedjenti li jissewwa. Ghalhekk fuq inkariku ulterjuri ta' l-attur ix-xhud wahhal burglar alarm flimkien mal-control panel il-gdid fil-post fejn kienet l-antika. Jidher li f' dan l-istadju kull ma kien jonqos sabiex l-alarm tkun funzjonabbli kienet batterija zghira fl-external bell, li kienet tinvolvi spiza zghira ta' circa Lm20, u forsi anke il-control unit tal-external bell bi spiza ta' cira Lm15.

Izda, spjega x-xhud li, ghalkemm f' dik l-okkazzjoni huwa kien baqa' ma' min kien qed jiggestixxi r-restaurant li kellu jerga' jmur biex jassigura illi s-sistema kienet tiffunzjona, meta dan rega' mar "min kien jiggestixxi r-restaurant din id-darba qalli biex ghalissa nhalli kollox" u ghalkemm ghaddha z-zmien hadd ma kien ikkuntatjah.[Fol.49]

F' dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi ma jirrizultax li l-attur kien inadempjenti fl-obbligu minnu

assunt fl-imsemmija skrittura. Di fatti huwa nkariga technician biex jirrendi funzjonanbbli l-burglar alarm fil-post de quo, u meta rrizulta li dina ma kienet ekonomikament spedjenti li tissewwa, l-attur inkariga lit-technician sabiex jwahhal wahda gdida u jghamel dak kollu li kien hemm bzonn sabiex il-burglar alarm tiffunzjoni. Kien in-nuqqas da parti ta' min kien qed jiggestixxi r-restaurant f' dak iz-zmien li, nonostante li l-unit il-gdid kien twahhal, ried ihalli kollox kif kien nonostante li l-alarm ma kienitx ghada tiffunzjona. Il-Qorti, in propositu, tirravisa nuqqas, mhux ta' l-atturi, izda da parti tas-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant dik il-parti tal-klawsola li tikkontempla tnaqqis ta' Lm400 mill-bilanc f' kaz ta' inadempjenza da parti ta' l-attur ma tistax fic-cirkostanzi tigi invokata kontra l-atturi. Ghalhekk din il-parti tal-pretensjoni attrici hija fondata fil-fatt u fid-dritt.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata limitatament ghas-somma ta' Lm600, rapprezentanti Lm400 relattiva ghal burglar alarm, u r-rimanenti Lm200 il-bilanc dovut u li gie ammess mill-istess konvenuti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett in parte tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' sitt mitt lira maltin [lm600], bl-imghax legali kif mitlub.

L-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi [2/3] a kariku tas-socjeta' konvenuta, u l-kumplament ta' terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------